A.L. 459 ta' l-2004

ATT TA' L- 2004 LI JIMPLIMENTA MIŻURI TA' L-ESTIMI (ATT NRU.II TA' L- 2004)

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI (*STOCK* U TITOLI REĠISTRATI) (KAP. 161)

Direttiva mill-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi Għall-ħruġ ta' Lm19,000,000 5.9% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2009 (It-Tielet Ħruġ) *FUNGIBILITY ISSUE*

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Att ta' l-2004 li Jimplimenta Miżuri ta' l-Estimi u bl-artikolu 4(1)(a) ta' l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap. 161, il-Prim Ministru u l-Ministru tal-Finanzi awtorizza l-ħruġ ta' Lm19,000,000 5.9% *Stock* tal-Gvern ta' Malta jiġi maħruġ kif ġej:-

1. L-i*Stock* jinħareġ skond kif stipulat fil-prospett. *Mod tal-Ħruġ ta' l-i*Stock.

2. Kull persuna u/jew enti jistgħu japplikaw għal dan l-i*Stock*. It-tqassim ta' l-i*Stock* isir skond kif spjegat fil-prospett. *Policy dwar l-allokazzjoni ta'* Stock.

3. a) Skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Borża ta'Malta, meta dan l-i*Stock* jiġi allokat, għandha ssir applikazzjoni sabiex l-i*Stock* jitqiegħed fuq il-lista uffiċjali u sabiex ikun negozjat fil-Borża ta' Malta. Negozju fil-Borża ta' Malta, Kap. 345.

b) Fit-30 ta' Marzu, 2005, wara l-pagament ta' l-ewwel imgħax, dan l-i*Stock* jiġi integrat ma' l-i*Stock* eżistenti 5.9% Stock tal-Gvern ta' Malta 2009 (III) u wara dawn iż-żewġ *Stocks* jitqiesu bħala *Stock* wieħed.

4. Is-somma ta' flus li għandha tinġabar bl-i*Stock* hi ta' Lm19,000,000. Somma ta' flus li għandha tinġabar.

5. L-imgħax bir-rata ta' Lm 2.95,0 għall kull Lm100 *Stock* jitħallas kull sitt xhur b'lura fit-30 ta' Marzu u fit-30 ta' Settembru ta' kull sena waqt il-kors ta' l-i*Stock*. L-ewwel ħlas pro-rata relattiv għall-perjodu bejn s-17 ta' Novembru ,2004 u t-30 ta' Marzu, 2005 jsir fit-30 ta' Marzu, 2005. Rata ta' mgħax u dati tal-ħlas.

6. L-i*Stock* għandu jiġi mifdi b'parita' fis-27 ta' Marzu, 2009 . Fidwa ta' Stock.